Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 396 / 2017

Il-Pulizija

Vs

Kenneth Borg

Illum 15 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kenneth Borg detenur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 112075 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Jannar, Frar u Marzu, 2017 f' dawn il-Gzejjer Maltin:

1. B' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat;
2. Naqas li jaghti lil Joanne Borg, is-somma ta' 250 Euro, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulate fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u / jew martu, fi zmien hmistax – il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Ottubru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ikkundannathu ghal xahar prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kenneth Borg, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-13 ta' Ottubru, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex thassar u tirrevoka, tikkancella, tvarja u tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tiddikjara lill-esponenti mhux hati tal-akkuzi rnigjuba fil-konfront tieghu, u b' dal-mod tilliberah minn kwalunkwe imputazzjoni / htija u piena u alternattivament li taghti piena aktar xierqa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

**A. Dwar il-mertu:**

1. Illi l-appellant jibda billi jghid li kieku jaf li veru naqas milli jhallas xi manteniment minn dak li huwa obbligat ihallas skond digriet tal-Qorti, kieku ma kienx jikkontesta, izda jaqbad u jhallas dak dovut. Sa' llum-il gurnata huwa konvint u ghandu l-provi li kollox imhallas u rn' ghandux problemi.
2. Illi f' idejh huwa kellu kopja ta' transazzjonijiet li juru li huwa kien effettivament ghadda l-pagamenti li jkopru x-xhur imsemmija, liema statements gew ipprezentati mill-Mara stess fix-xhieda taghha u l-Pulizija annettithom bhala statements mar-rapport tal-Pulizija. Meta mistoqsija ta' x'

hiex kienu dawk il-pagamenti hija baqghet issostni li kienu ta' 'arretrati', illi dak l-ammont li l-akkuzat ikun hallas ghandu jitqies li jkun thallas ghal dak il-perjodu fejn huwa kriminalment akkuzat.

3. Illi stranarnent, milli jidher (ghaliex fis-sentenza ma hemmx ragunijiet) l-Ewwel Qorti jista' jkun kienet konvinta li l-appellant hallas din is-somma versu 'arretrati' izda bid-dovut rispett, l-arretrati (u ta x' hiex ghadhu misteru) ma jinkwadraw imkien f' dawn il-proceduri.
4. Illi  li kieku veru li kien hemm xi arretrati (ta' manteniment) mhux imhallsin kieku l-kwerelanti kienet taghmel rapport, u rapport ma sarx. M' hijiex l-ewwel darba li l-appellant spicca akkuzat li ma hallasx u hija biex imbaghad fis-seduta tas-smiegh tal-kawza iddikjarat li kien hallas, meta l-hlas kien maghmul hafna qabel il-hrug tal-kwerela. Imkien ma hareg mill-provi li l-kwerelanti ghamlet rapport talli ma thallasx il-manteniment ta' xi xhur qabel. L-Ewwel Qorti kull ma qalet meta infaccata bl-istatements kien: 'mhux se noqghod indur l-istatements.' L-avukat tal-appellant pero baqghet tinsisti u ssaqsi lill-mara tal-appellant rigward versazjonijiet ta' flus fix-xhur imsemmija. Kull ma kien hemm bzonn kien li jigi vverifikat illi veru li saru dawn il-hlasijiet. Il-Mara filfatt qalet li veru kienu hemm pero qalet ukoll (bil-gurament ghal-giehna) li ma kien sar l-ebda pagament fis-sena attwali (liema sena tikkomprendi x-xhur li fuqhom gie akkuzat l-appellant. Din kienet ovvjament gidba sfaccata ghaliex fl-istatements jidher car li KIEN hemm! Kieku l-istatements ittiehdu in konsiderazzjoni, l-unika prova inkonfutabbli, kien jirrizulta bic-car li l-manteniment dejjem thallas, bil-quddiem u fil-hin jekk mhux qabel kif jirrizulta mill-anness dokument. Pero jekk kien hemm xi ombra ta' dubju dan kellu jitqies a favur tal-appellant.
5. Illi effetivament il-manteniment li qed jigi reklamat minn Joanne Borg diga huwa mhallas u dan kif se jigi ampjament ippruvat mix-xhieda tal-istess appellant u mid-dokument hawn anness (Dok KB 1). L-Appellant da parti tieghu xehed li dan dejjem hallas bil-quddiem u dejjem sar biex jinqatel l-izjed obbligu oneruz li kien hemm fuqu, u cioe l-hlas tal-manteniment, u mhux il-hlas ta' xi haga ohra li m' ghandhiex x' taqsam ma' din il-kawza.

6. Illi l-artikolu 1171 (c) tal-Kodici Civili jipprovdi bic-car illi "meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:

   (c) fost id-djun maqlugha, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn li ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna...".

   Kjarament huwa dan id-dejn — il-hlas tal-manteniment (u mhux id-dejn relattiv ghall-hlasijiet ta' kwalsiasi arrettrati) li jissoggettaw lill-appellant ghall-arrest tal-persuna u ghalhekk tali hlas ghandu jigi mputat ghal dan id-dejn u ghalhekk il-manteniment relattiv jirrizulta li huwa mhallas. Hekk filfatt gie kwotat fis-sentenza tad-29 ta' Jannar, 2015 Appell Kriminali Numru. 72 / 2014 MM fl-ismijiet **'il-Pulizija Maggur Josephine Gauci Vs Redeemer Azzopardi'**.

**B. L-azzjoni hija preskritta**

1. Illi l-manteniment jirrigwarda x-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu, 2017. Issa, il-perjodu preskrittiv ghar-reat kontemplat fl-artikolu 332 (z) tal-Kap. 9 huwa ta' sitt xhur (Qorti tal-Appelli Kriminali Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010 Appell Kriminali Numru. 78 / 2010 DS **Il-Pulizija vs Mario Gafa'**) u ilu hekk sa minn meta dan il-paragrafu gie emendat bl-Att XVI tas-sena 2006. Billi l-azzjoni hija kkunsidrata bhala reat kontinwat allurra l-manteniment ai fini ta' preskrizzjoni ghandhu jittiehed dak ta' l-ahhar u cioe ta' Marzu. Il-manteniment huwa ghax xahar bil-quddiem u cioe mill-20 ta' Frar sal-20 ta' Marzu u mill-atti jirrizulta illi l-appellant gie notifikat f' Settembru. Barra minn hekk il-perijodu ta' preskrizzjoni jibda jiddekorri mill-hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni tal-Qorti jew kuntratt, ikollha tithallas is-somma ndikata bhala manteniment u cioe mit-8 ta' Marzu. Ghalhekk m' hemm l-ebda dubju illi l-perijodu preskrittiv ma kienx iddekorra u konsegwentement dan l-ewwel aggravju huwa michud ghaliex l-appellant kien notifikat f' Settembru.

**C. Dwar l-intenzjoni tal-appellant**

1. Illi jigi umilment rilevat li dan ma huwiex kaz fejn xi hadd irid jisfida jew li ma riedx jobdi ordni tal-Qorti ghall-hlas ta' manteniment, jew ghax ma setghax ihallas ghal kwalsiasi raguni, izda certezza genwina illi billi manteniment kien imhallas. Seta' kieku ried gab a kojizzjoni tal-Qorti il-fatt li ma jahdimx, susssegwentament li huwa marad b' dipressjoni u flimkien ma' sekwestru generali impost fuqu mill-mara, l-kapacita tieghu li jiggenera introjtu prattikament zvinta fix-xejn. L-appellant m' huwiex xi bniedem refrattarju, anzi hu bniedem li spicca f' dan l-inkwiet fl-isfond tas-separazzjoni personali li ilha ghaddejja ghal dawn l-ahhar seba' snin. Imma huwa dejjem hass u ghadu jemmen illi l-manteniment ta' bintu huwa sagrosant.
2. Illi jekk din il-Qorti jidhrilha li l-manteniment huwa xorta dovut, l-appellant lest illi jhallas dan il-manteniment.

**D. Dwar is-Sentenza**

1. Fl-ewwel lok ta' min wiehed isemmi illi s-sentenza giet miktuba fuq citazzjoni sempliciment bil- kliem 'xahar prigunerija' u firma. Id-data tas-seduta fuq din it-tahrika tindika 19 ta' Gunju, 2017 meta fil-fatt l-appellant qatt ma gie notifikat b' din it-tahrika u s-seduta li fiha l-Magistrat semma 'xahar prigunerija' kienet dik tal-4 ta' Ottubru, 2017. Id-data tas-sentenza ma hija indikata imkien.
2. Illi l-artikolu 322 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li "il-Qorti meta taghti is-sentenza kontra l-imputat ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".

   Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Magistrati la tghid il-fatti u lanqas ma ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati.

   Fil-kawza (**Il-Pulizija vs Keith Pace** : App. Krim. (JGD 5-5-2005) jinghad illi : "Kif gie ritenut f' gurisprudenza kostanti sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li ma jkunx fiha dikjarazzjoni ta' liema fatti sabet lill-impurat hati, jew meta minnha ma jirriuzltax car ta' x' hiex l-appellant gie misjub hati, jew meta f' kaz ta' imputazzjoni alternattivi, l-Qorti

tiddikjara lill-imputat hati bla ma jghid ta' liema miz-zewg imputazzjoniet hu hati u ghalhekk jigi li l-Qorti ma qalitx ta' x' hiex sabet lill-imputat hati, jew meta ma tghid xejn dwar akkuza partikolari hija nulla u jekk il-kawza tigi appellata, il-Qorti ta' Appelli tiddikjara n-nullita' tas-sentenza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Francis Aquilina**" [26.11.1960]; "**Il-PulizIja vs. Frans Portelli**" [3.2.1992]: "**Il-Pulizija vs. Piju Gafa'** " [18.4.1959]; **Il-Pulizija vs Generoso Sammut**" [13.10.2004) u ohrajn)

Huwa veru li fl-istess sentenza jinghad ukoll li "meta s-sentenza tkun miktuba fuq ic-citaz:joni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imputat u allura f' dan il-kaz is-sentenza tigi salvata'. (**Il-Pulizija vs Joseph Brincat** : App. Krirn 356/12 MM moghtija fil-31 ta' Jannar, 2013).

lzda fil-kaz prezenti l-akkuza tirreferi kemm ghal disubbidjenza ta' ordni tal-Qorti, kemm ghal ksur kontrattwali, u ghan-nuqqas ta hlas tal-manteniment kemm tal-mara kemm tal-ulied. Kien importanti li l-Qorti ticcara fuq liema fatti sabet lill-esponent hati. Apparti dan, l-Ewwel Qorti naqset li ssemmi l-artikolu tal-ligi li fuqu sabet lill-esponent hati u ghalinqas tindika id-data tad-deciza. Dan jikkostitwixxi nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jgib in-nullita' tas-sentenza.

Illi fis-sentenza tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Joseph Brincat** 356/12 MM Moghtija fil-31 ta' Jannar, 2013 jinghad ukoll illi : 'L-appellant qieghed necessarjament jirreferi ghal dak illi hemm miktub fuq il-komparixxi u mhux ghall-kopja tas-sentenza peress illi din fiha indikazzjoni tal-artikolu tal-ligi li jikkontenplaw ir-reat b' indikazjoni ukoll tal-kapitolu u riferenza ghall-fatti illi taghhom l-appellant gie misjub hati; u

F' sentenza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija versus Albert Bezzina tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Lulju tal-elf disa' mija erbgha u disghin (1994) il-Qorti qalet: "Fuq dan il-punt il-Qorti tosserva illi la l-artikolu 377 (1) u lanqas l-artikolu 382 ma jirrikjedu li s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat : dak li trid il-ligi hu dak li jghid il-Magistrat meta jaghti is-senztenza jigi registrat u riprodott fil-kopja tas-sentenza. Dak li hemm fuq il-komparixxi huma l-appunti tal-Magistrat, mhux is-sentenza, u bejn dawk l-appunti u l-kopja

ufficcjali tas-sentenza ma hemmx kontradizzjonijiet," (Ara ukoll il-Pulizija versus Raymond Parnis, Appell Kriminali 2 ta' Mejju, 2012).

Ghalhekk il-Qorti ssib illi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali gie osservat fil-kopja ufficcjali tas-sentenza li hija l-kopja illi torbot lil terzi u ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.'

Fil-kaz tal-appellant, l-unika sentenza ufficjali li nghatat lill-appellant meta talab kopja ufficcjali tas-sentenza kienet hekk kif intqal akiar 'l fuq u cioe xahar prigunerija' (kopja annessa markata dok SENT). Milli jidher ma kienx hemm appunti u gie ritenut illi l-kopja ufficcjali tas-sentenza hija dik ipprezentata hawn annessa.

Kien importanti illi l-Qorti ticcara fuq liema fatti sabet lill-esponent hati ghaliex jekk wiehed jaghti kaz dak li l-esponent gie mharrek fuqu kien li huwa ma tax manteniment ghal mara jew ghat-tifla u li kien qed imur kontra ordni tal-Qorti jew kuntratt. Il-mara qatt ma naghtat manteniment ghaliha u lanqas kien hemm kuntratt ghaliex il-proceduri ta' separazzjoni ghadhom ghaddejjin.

Veru li gie ritenut ukoll fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Zammit**" li [16.1.1986] meta s-sentenza originali tkun miktuba fuq ic-citazzjoni li fuqha jkun hemm riprodotti l-fatti u mis-sentenza kif redatta ma jkunx hemm dubju dwar liema fatti jkun gie misjub hati l-imptat, il-formalizmu ma hemmx postu u ghandha tigi salvata s-sentenza, pero' dan ma hux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sentenza motivata u mhux miktuba fuq il-kopja tal-komparixxii li jkollha l-Qorti bhal kif jigri kwazi dejjem fil-kawzi li jinstemghu bil- procedura sommarja, u proprju hemm id-dubji fuq imsemmjja.

L-istess fil-kaz odjern, ma hemm l-ebda motivazzjoni wara s-sentenza u lanqas ma jidher illi l-appellant instab hati. Kull ma hemm hija frazi 'xahar prigunerija'. Ma hemmx miktub, illi l-imputat nstab hati illi ma hallasx. . .ecc bhal ma ssib fil-maggoranza tas-sentenzi f' nuqqas ta' hlas ta' manteniment. Lanqas ma' jidher illi tali sentenza giet dattilografata u ghaldaqstant is-sentenza lanqas semmiet l-artikoli tal-ligi li tahthom gie kkundannat l-appellant.

Ghaldaqstant huwa ritenut illi kien hemm nuqqas gravi ta' formatita' sostanzjali fis-sentenza li lanqas giet issanat minn xi sentenza ohra dattilografata. (Ghallinqas meta l-appellant talab ghal kopja tas-sentenza permezz tal-avukat u Prokuratur Legali tieghu, huwa naghta id-dokument anness biss).

**E. Dwar ir-reat**

1. Illi l-element tar-reat li dwarhu l-appellant qieghed jinterponi dan l-umli appell skond il-gurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Appell Kriminali hekk kif espressa fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Cutajar" [2.9.1999] huma : "ghall-finijiet tal-imsemmi art. 338 (z) hu bizzejjed li l-prosekunjoni tipprova:
   1. li nghata ordni minn Qorti ghall-hlas ta' manteniment (billi ggib kopja legali tad-digriet bhal ma sar f' dan il-kaz jew kieku si tratta ta' ordni kontenut f' sentenza, kopja legali tas-sentenza relattiva.)
   2. li dak il-manteniment ma thallasx fi zmien hmistax (15) il-jum minn dak il-jum li fih skond l-ordni, kellha tithallas is-somma".

Illi per di piu l-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fl-artikolu 638 subinciz (1) tghid illi "bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha w sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti.... " Illi l-qorti specjalment f' kazijiet bhal dawn dejjem insistiet li ghandha tingieb kopja legali tas-sentenza jew kopja awtentika tal-kuntratt ta' separazjoni skond il-kaz. Illi f' dan il-kaz allura wiehed mill-elementi tar-reat li dwaru l-appellant instab hati ma giex ippruvat. Fid-dawl tal-gurisprudenza u tal-ligi nostrana fotokopja ta' digriet tal-Qorti qatt ma tista' isservi bhala prova sufficjenti lill-Qorti Kriminali, ahseb u ara meta appellant lanqas kien jaf jekk tali digriet kienx anness mal-affidavit tal-Pulizija (mir-riferta jidher li dan id-digriet ghalkernm gie muri lill-Pulizija pero ma kienx anness bhala document mar-rifertal Ii rcieva l-appellant). F' dan iI-kaz il-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni;

**F. Dwar il-Piena**

1. Illi l-piena f' dan il-kaz hija wabda eccessiva. Ma nghatat l-ebda raguni ghal x' hiex instab hati. Kull ma kiteb il-Magistrat kien 'xahar prigunerija'. Din hija piena wisq harxa, specjalment meta anke wiehed iqis li l-appellant qatt ma kellu precedent u oltre minnhekk kien effettivament hallas il-manteniment dovut. Illi mill-provi prodotti. Il-Qorti ma setghet qatt kienet konvinta li ma thallsux manteniment ghal tlett xhur u cioe Jannar, Frar u Marzu, 2017 meta l-Qorti giet ipprezentata statements li juru li f' dawk ix-xhur ghadda manteniment regolari. Huwa ghalhekk li l-appellant umilment jemmen li ma kellux jinstab hati u konsegwentement kellu jkun liberat.
2. Illi fid-decizjoni moghtija mill-Onor. Qorti tal-Appell Kriminali presjedut mill-Onor. Imhallef J. Galea Debono u s-Seduta tas-27 ta Lulju, 2006 fl-Appell Kriminali Numru. 84 / 2006 Il-Pulizija Vs Joseph Micallef saret riferenza b' approvazzjoni ghall-AppelI Kriminali "Il-Pulizija vs. Publius Said" [25.9.2003], l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom biex effettivament ihallsu u mhux biss jippunixxi ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li, kif intqal, ghandhom dejjem jigu obduti w osservati skrupolozament'. F' dan il-kaz dan il-ghan qatt ma seta' jintlahaq ghax l-appellant konvint li l-hlas kien affettwat. Qatt ma kien riluttanti li jhallas u kif jidher mill-istatements dejjem ossserva d-digriet tal-manteniment anke meta ma kellux introjtu jew xoghol.
3. Illi inoltre f' pessima ipotesi li l-aggravji precedenti ma jigix milqugh, l-appellant ihoss li l-Ewwel Qorti kienet severa wisq meta applikat piena ta' prigunerija meta setghet applikat multa specjalment meta mill-istatements jidher bic-car illi l-appellant effettivament pagamenti qieghed jaghmel dejjem bil-quddiem biex ikun cert li t-tifla tieghu ma tithalliex nieqsa. L-ghan tal-legislatur ma ntlahaqx zgur ghaliex l-appellant lanqas ma gie ordnat ihallas dak li allegatament ma thallasx.

Illi anke jekk il-Qorti kien ghad fadlilha xi dubju, dan id-dubju kellu jmur favur l-appellant. GhaI darb' ohra jerga' jigi ritenut : illi jekk din il-Qorti ghal xi raguni jidhrilha li l-manteniment huwa xorta dovut, l-appellant lest illi jhallas dan il-manteniment dak il-hin li l-Qorti tippronunzja ruhha.

Ikkunsidrat,

Illi llum waqt ix-xhieda tal-parte lesa l-Qorti giet infurmata illi l-manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuzi jinsab imhallas. Inoltre mix-xhieda ta' Kenneth Borg jirrizulta illi huwa ibati minn problemi ta' sahha mentali u kwindi fid-dawl tal-fatt illi l-manteniment issa huma imhallas, il-Qorti tiddikjara illi xorta tirrizulta r-reita' madanakollu hemm lok ghall-temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' xahar prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur millum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur